IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.7.2014
COM(2014) 481 final

ANNEX 1

ANNESSI

tal-

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll ta' Adeżjoni għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensiva bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

PROTOKOLL TA' ADEŻJONI MAL-FTEHIM QAFAS DWAR SĦUBIJA U KOOPERAZZJONI KOMPRENSIVA

bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

ANNESSI

tal-

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll ta' Adeżjoni għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensiva bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

PROTOKOLL TA' ADEŻJONI MAL-FTEHIM QAFAS DWAR SĦUBIJA U KOOPERAZZJONI KOMPRENSIVA

bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAL-PAJJIŻI L-BAXXI,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRETTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ

Il-Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, minn hawn ’il quddiem “l-Istati Membri”, irrappreżentati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, u

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni Ewropea",

fuq naħa waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAl-INDONEŻJA, minn hawn ‘il quddiem imsejħa "l-Indoneżja",

fuq in-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem imsejħa 'il-Partijiet' għall-għanijiet ta' dan il-Protokoll,

WARA LI KKUNSIDRAW l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta’ Lulju 2013 u t-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “it-Trattat ta’ Adeżjoni”, iffirmat fi Brussell fid-9 ta’ Diċembru 2011 u daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Lulju 2013;

BILLI l-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensiva bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim", ġie ffirmat f'Ġakarta fid-9 ta' Novembru 2009.

BILLI r-Repubblika tal-Kroazja għandha taċċedi għall-ftehimiet konklużi jew iffirmati mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ma’ pajjiż terz wieħed jew aktar jew ma’ organizzazzjoni internazzjonali kif meħtieġ mill-Artikolu 6(2) tal-Att dwar il-kondizzjoni tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustament għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika;

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Ir-Repubblika tal-Kroazja b'dan taderixxi bħala Parti għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensiva bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, iffirmat fid-9 ta' Novembru 2009.

Artikolu 2

It-testi tal-Ftehim u l-Att Finali fil-lingwa Kroata annessa ma’ dan il-Protokoll għandhom isiru awtentiċi taħt l-istess kondizzjonijiet bħall-verżjonijiet tal-Ftehim bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega,

Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovena, Spanjola, Żvediża, Slovakka u Indoneżjana.

Artikolu 3

Dan il-Protokoll għandu jifforma parti integrali mill-Ftehim.

Artikolu 4

(1) Dan il-Protokoll għandu jkun approvat mill-Unjoni Ewropea, mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea f'isem l-Istati Membri, u mill-Indoneżja skont il-proċeduri tagħhom. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri neċessarji għal dak il-għan.

(2) Dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara d-data tal-aħħar notifika tal-istrument ta' approvazzjoni.

(3) Sa meta jidħol fis-seħħ, dan il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mid-data tal-iffirmar.

Artikolu 5

Dan il-Protokoll huwa abbozzat f'żewġ kopji fil-lingwi Bulgara, Kroata, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Żvediża u Ukraina, b'kull wieħed minn dawn it-testi ugwalment awtentiku.

B'XHIEDA TA' DAN, il-Plenipotenzjarji ffirmati hawn taħt, mogħtija s-setgħa għal dan l-effett, iffirmaw dan il-Protokoll.

Magħmul fi ..., fi ... tas-sena ...

GĦALL-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA

GĦAR-REPUBBLIKA TAL-INDONEŻJA.